MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Mandat Numru. 803/2014/1

**Alan Fiott**

**(detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 154383M)**

***kontra***

**Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**

***u***

**Direttur Generali, Servizzi Edukattivi**

**fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Xoghol**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrent ipprezenta r-rikors għall-ħrug ta` l-Mandat fid-29 ta` Mejju 2014.

Fid-29 ta` Mejju 2014 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, tat lill-intimati għaxart (10) ijiem żmien biex iwiegbu bil-miktub u appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-udjenza tal-10 ta` Gunju 2014 fid-9.15 a.m.

L-intimati kienu notifikati t-tnejn fid-29 ta` Mejju 2014.

Kull intimat ipprezenta risposta separatament fid-9 ta` Gunju 2014.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tal-10 ta` Gunju 2014.

Wara t-trattazzjoni tar-rikors, il-Qorti ħalliet il-proċediment sabiex tagħti provvediment "in camera".

## II. It-talba

**a) Kif dedotta kontra l-Kummissjoni ntimata**, it-talba tar-rikorrent għall-ħrug tal-Mandat hija ntiża sabiex il-Qorti żżomm lill-istess Kummissjoni *milli tisma`, tmexxi*

*u/jew tipprocedi billi tisma` bi kwalsijasi mod li jkun il-proceduri dixxiplinari pendenti kontra* r-rikorrent.

**b)** **<u>Kif dedotta kontra d-Direttur intimat</u>**, it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat hija ntiza sabiex il-Qorti zzomm lill-istess Direttur *milli jmexxi ulterjorment il-proceduri dixxiplinari bhalissa pendenti kontra* r-rikorrent.

**III.** **<u>Il-fatti</u>**

**a)** **<u>Skond ir-rikorrent</u>** :-

**<u>Fil-qosor</u>**, il-fatti li gab r-rikorrent ghall-konjizzjoni tal-Qorti sabiex isostni t-talba tieghu ghall-hrug tal-Mandat kienu illi fid-9 ta` Dicembru 2013, ittiehdu passi dixxiplinari kontra tieghu skond ir-Regolamenti tal-1999 dwar il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Procedura ta` Dixxiplina). Ir-rikorrent huwa mpjegat bhala Supply Learning Support Assistant. L-akkuzi li bihom kien mixli jistghu jwasslu ghat-tkeccija mis-servizz pubbliku. Ir-rikorrent ikkontesta u ddefenda ruhu lilu nnifsu mill-akkuzi anke billi sostna li huwa ma kienx impjegat fl-Iskola Primarja ta` Hal-Tarxien izda fl-Iskola Primarja tal-Marsa. Edott b`dan il-fatt, id-Direttur intimat talab direzzjoni mill-Kummissjoni ntimata li min-naha taghha awtorizzat lill-istess Direttur biex jikkoregi l-akkuza originali. Skond ir-rikorrent, huwa ma kienx avzat b`dan. Hekk ghamel id-Direttur intimat. Pero` mar oltre ghaliex meta rega` akkuza lir-rikorrent avza lir-rikorrent illi it-tieni ittra bl-akkuzi kellha tghodd daqs li kieku harget fid-data ta` l-akkuza originali. Ir-rikorrent kien infurmat bil-hatra ta` Bord ta` Dixxiplina u bid-data tas-smigh tal-kaz tieghu. Il-Bord hareg rapport fejn sab lir-rikorrent hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Dak ir-rapport intbaghat lill-Kummissjoni ntimata li kienet sejra tisma` l-kaz tar-rikorrent.

**b)** **<u>Skond id-Direttur intimat</u>** :-

Id-Direttur intimat jirreferi ghac-cirkostanzi li - skond hu - wasslu sabiex jittiehdu passi dixxiplinari kontra r-rikorrent. Id-"dikjarazzjoni" bl-akkuza kontra r-rikorrent harget skond kif jistabilixxi l-Art 20(2) tar-Regolamenti. Id-Direttur intimat jaccetta li fid-dikjarazzjoni tad-9 ta` Dicembru 2013 kien hemm zball izda – skond id-Direttur intimat - kien zball procedurali minimu. Fit-tieni "dikjarazzjoni" li nharget kontra r-rikorrent, ma kien hemm l-ebda akkuzi "godda" ; kien korrett biss l-isem tal-Iskola. Il-fatt li ntalbet direzzjoni lill-Kummissjoni ntimata wara r-reazzjoni tar-rikorrent ghall-ewwel dikjarazzjoni b`ebda mod ma naqqas mill-indipendenza u mill-imparzjalita` tal-Kummissjoni ntimata.

**c)** **<u>Skond il-Kummissjoni intimata</u> :-**

Il-korrezzjoni in kwistjoni kienet tikkoncerna l-lokalita` fejn tinsab l-Iskola fejn jahdem ir-rikorrent u bl-ebda mod ma nbidlu c-cirkostanzi tal-kaz. Lanqas ma ttiehed xi forma ta` gudizzju dwar il-kaz. Ghalhekk l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Kummissjoni baqghet intatta. Il-Kummissjoni taccetta li r-rikorrent ma kienx avzat bil-bidla fil-lokalita` tal-Iskola pero` b`daqshekk ir-rikorrent ma garrab l-ebda pregudizzju.

**IV.** **<u>Ir-raguni</u>**

**<u>Fil-qosor,</u>** ir-rikorrent talab il-hrug tal-Mandat ghaliex :-

1) Fil-mument illi l-Kummissjoni ntimata tat direzzjoni lid-Direttur intimat biex jikkoregi l-izball fl-akkuza kontra tieghu, il-Kummissjoni ma baqghetx indipendenti u mparzjali. Ghalhekk il-procediment kontra tieghu kien ivvizzjat.

2) Huwa kien eskluz mid-decizjoni li hadet il-Kummissjoni biex id-Direttur jirranga l-izball.

3) L-ittra tal-Kummissjoni bid-direzzjoni lid-Direttur kienet eghmil amministrattiv.

4) Dak l-eghmil amministrattiv kien null, invalidu u minghajr effett.

5) Id-decizjoni mbaghad tad-Direttur illi, wara d-direzzjoni tal-Kummissjoni, johrog akkuzi "godda" kienet ivvizzjata wkoll ghaliex id-Direttur ma kellux jitlob direzzjoni mill-Kummissjoni li mbaghad finalment kienet sejra finalment tiddeciedi l-mertu tal-procediment dixxiplinari kontra tieghu.

**V. L-Art 873 tal-Kap 12**

**Skond is-subinciz (1)** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**Skond is-subinciz (2)** –

*Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

L-elementi li rikorrent irid jissodisfa huma :-

fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ;

fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta’ Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... ***huwa rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Hemm imbaghad **is-subinciz (3)** li jaqra hekk –

*Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

Mela fejn, **bhal fil-kaz tal-lum**, mqar wiehed mill-intimati jkun l-Gvern, b'**żieda** ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2), irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` :- (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq ; u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.

Riferibbilment ghall-element tal-*pregudizzju* meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx

titkellem dwar preġudizzju "*li ma jkunx jista' jiġi rimedjat*" bħala l-bażi biex tkun milqugha talba għall-ħruġ tal-mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat li dak il-preġudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-ħaġa titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' l-Mandat.

**Kif diga` kellha okkazjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja. Ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bħal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħruġ ta' l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t'ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.**

## VI. Risultanzi

Fl-udjenza tal-10 ta` Gunju 2014, fl-isfond ta` dak li jipprovdi l-Art 873(3), id-difensur tad-Direttur intimat ghamlet dan il-verbal :-

*Dr Fiorella Fenech Vella ghad-Direttur Generali Servizzi Edukattivi fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Xoghol, prezenti George Borg fil-vesti tieghu ta` Direttur Generali Servizzi Edukattivi, tiddikjara illi fil-kaz specifikament tal-assistit taghha ma hemmx lok ta` hrug ta` mandat ta` inibizzjoni, lanqas provizorjament, kontra d-Direttur Generali, billi specifikament* ***fejn jirrigwarda d-Direttur Generali Servizzi Edukattivi, ma hemm l-ebda proceduri dixxiplinari kontra r-rikorrent****.* (enfasi u sottolinear tal-Qorti). *Ghall-fini ta` aktar kjarezza jigi rilevat li l-kompitu tad-Direttur Generali kien limitat u cirkoskritt biss illi johrog id-dikjarazzjoni (charge) kontra r-rikorrent, u jhalli mbaghad il-procediment kollu f`idejn il-Bord tad-Dixxiplina ; illi diga` ddecieda billi rrakkomanda, u l-kaz mar quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.* ***Tiddikjara wkoll illi ma hemm rakkomandati ebda proceduri dixxiplinari ohra relatati ma` dawk ta` qabel kontra r-rikorrent****.* (enfasi u sottolinear tal-Qorti).

**Fl-istess udjenza, in vista ta` din id-dikjarazzjoni, ir-rikorrent irtira l-procediment tal-lum, limitatament fil-konfront tad-Direttur Generali Servizzi Edukattivi fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Xoghol.**

In kwantu jirrigwarda l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, dejjem fl-isfond tal-Art 873(3), id-difensur taghha, fl-istess udjenza, u fil-presenza tas-Segretarja tal-Kummissjoni, ghamlet din id-dikjarazzjoni :-

*… illi kieku ma kienx ghad-digriet provizorju li din il-Qorti tat fid-29 ta` Mejju 2014, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet ser tkompli bil-procediment tas-smigh tal-proceduri dixxiplinari, li diga` gew istitwiti kontra r-rikorrent.*

**Il-Qorti hija tal-fehma illi fil-kaz tal-Kummissjoni ntimata kien ghalhekk sodisfatt dan ir-rekwizit partikolari li huwa nkorporat fl-Art 873(3).**

Il-Qorti sejra tghaddi issa biex tqis ir-rekwizit tal-"jedd *prima facie*".

Il-mertu ta` x`wassal biex ittiehdu l-proceduri ta` dixxiplina kontra r-rikorrent johrog barra ghal kollox mill-parametri tal-provvediment tal-lum.

Daqstant iehor tohrog barra mill-binarji ta` dak li din il-Qorti trid tipprovdi l-kwistjoni jekk it-tieni ittra jew “dikjarazzjoni” tad-Direttur intimata kenitx tikkostitwixxi “akkuzi godda”.

**Rilevanti pero` ghall-fini tar-rekwizit tad-“dritt *prima facie*” huwa fl-ewwel lok jekk id-Direttur intimat setax jitlob direzzjoni mill-Kummissjoni ntimata dwar l-izball fl-ewwel “dikjarazzjoni” u fit-tieni lok jekk bil-fatt li nghata direzzjoni, bla ma kien involut ir-rikorrent, setax kien hemm lezjoni tal-jeddijiet tar-rikorrent ghal smigh xieraq kif tutelati mill-Kostituzzjoni u mill-Art 469A tal-Kap 12.**

**Il-Qorti fliet b`reqqa wahda wahda r-Regolamenti tal-Procedura ta` Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Avviz Legali 186 tal-1999 kif emendat). Qaghdet attenta ferm biex tqis id-disposizzjonijiet citati mill-intimati. Pero` tghid illi mkien ma` sabet il-jedd jew il-fakolta` li kap ta` dipartment tal-Gvern wara li jkun hareg id-“dikjarazzjoni” biex l-ufficjal iwiegeb ghaliha, u wara li l-ufficjal ikun hemm wiegeb, u qabel jirreferi l-kaz lill-Bord ta` Dixxiplina ghar-rakkomandazzjoni tieghu, illi jirrikorri ghall-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ghal direzzjoni, inkluz li jikkoregi jew ibiddel id-“dikjarazzjoni” originali.**

Ir-riferenza li ghamlu l-intimati ghall-*formalita` u l-heffa* mhijiex kontemplata fl-istadju li dwaru qieghed jilmenta r-rikorrent izda fl-istadju ta` wara u cioe` dak ta` quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.

Fl-assenza ta` disposizzjoni fis-sens li rieduha li tkun l-intimati (izda li fir-realta` mhijiex) jissussisti jedd mad-daqqa t`ghajn ghar-rikorrent li jikkontesta l-legittimita` (u allura l-legalita`) tad-decizjoni tad-Direttur intimat **u** dik tal-Kummissjoni ntimata. Jekk b`dak li sar kienx ivvizzjat il-process kollu mill-bidu sal-ahhar jispetta li tghidu l-Qorti li sejra tiddeciedi l-mertu ; certament mhux din il-Qorti fil-mansjoni attwali taghha. Jibqa` l-fatt li r-rikorrent ghandu jedd jikkontesta l-legalita` tal-procediment istitwit kontra tieghu u sakemm il-kontestazzjoni tieghu tigi deciza finalment mill-Qrati ghandu jedd jitlob li jkun hemm sospensjoni tal-procediment ta` dixxiplina pendenti quddiem il-Kummissjoni ntimata.

**Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta li jissussisti r-rekwizit tad-dritt *prima facie.***

Riferibbilment ghall-punt sollevat mill-Kummissjoni dwar l-insindikabilita` tal-agir taghha mill-Qrati, din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma tal-Kummissjoni kif espressa, ghaliex ladarba r-rikorrent qieghed jimputa lill-Kummissjoni ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq, u allura lesiv ghad-drittijiet kostituzzjonali tieghu, l-agir tal-Kummissjoni huwa sindikabbli (ara : "Galea vs L-Onorevoli Prim`Ministru" : 11 ta` April 1995 ; "Galea vs l-Onorevoli Prim`Ministru" : 13 ta` Gunju 1988 ; "Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku : 20 ta` Frar 1987 ; "Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku : 21 ta` Jannar 1985).

In kwantu ghar-rekwizit tal-"isproporzjon fil-pregudizzju", din il-Qorti, wara li semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri, tghid illi l-isproporzjon tal-pregudizzju huwa markatament sfavorevoli ghar-rikorrent. Ghalkemm irrizulta li pendenti l-proceduri tad-dixxiplina, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni nehha lir-rikorrent minn xoghol ta` "Supply Learning Support Assistant" u tah xoghol klerikali minflok, u minhabba f`hekk jista` jkun li r-risorsi umani specjalizzati fi hdan id-Dipartiment gew *overstretched,* dak il-fatt wahdu certament ma ghandu l-ebda effett kwalsiasi – lanqas negattiv – fuq il-Kummissjoni ntimata. L-istess ma jistax jinghad fir-rigward tar-rikorrent ghaliex jekk il-proceduri tad-dixxiplina quddiem il-Kummissjoni jithallew jipprocedu b`riskju li jwasslu ghat-tkeccija tar-rikorrent mill-impieg **qabel** ma` l-Qorti tistharreg l-eghmil amministrattiv lamentat mir-rikorrent, il-pregudizzju li jista` jgarrab ir-rikorrent huwa aktar qawwi minn tal-awtoritajiet pubblici, u difficilment jkun jista` jigi rimedjat xort'ohra.

**Dan ir-rekwizit jirrizulta wkoll.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda –**

**Fl-ewwel lok, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procediment tal-lum kif dedott kontra d-Direttur Generali, Servizzi Edukattivi fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Xoghol, stante li r-rikorrent irtira l-procediment kontra dan l-intimat fl-udjenza tal-10 ta` Gunju 2014.**

**Fit-tieni lok, tirrevoka *contrario imperio* limitatament fil-konfront tad-Direttur Generali, Servizzi Edukattivi fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni u Xoghol id-digriet taghha tad-29 ta` Mejju 2014 safejn laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat kontra dak l-intimat.**

**Fit-tielet lok, tilqa` t-talba tar-rikorrent kif dedotta kontra l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni skond kif mitlub fir-rikors.**

**Fir-raba` lok, tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------